MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1127/1996/1

***Carmelo Farrugia Melfar Limited***

***Versus***

**Doreen Galea Souchet**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex għall-ħlas ta' erbat elef, disa' mija u erbgħa u disgħin lira (Lm4,994) valur ta' żewġ kambjalijiet aċċettati mill-konvenuta. Qiegħda titlob ukoll l-imgħax u l-ispejjeż.

Is-soċjetà attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b'dikriet mogħti fit-18 t'April 1996 ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali, u l-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet tas-soċjetà attriċi huma milquta bil-vizzju tal-qerq għax il-partijiet kienu laħqu ftehim b'kitba privata tat-8 ta' Frar 1995 li jfisser illi l-attriċi kienet irrinunzjat għall-obbligazzjonijiet imsemmija fil-kambjalijiet;

2. l-obbligazzjonijiet intemmu wkoll b'novazzjoni li seħħet meta sar il-ftehim bil-kitba privata.
Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:
Il-konvenuta ordnat *lift* mingħand is-soċjetà attriċi, u sar ftehim dwar il-bejgħ u t-tqegħid tal-*lift* b'kitba tat-30 ta' Mejju 1994. Il-prezz kien ta' ħamest elef, disa' mija u erbgħa u disgħin lira (Lm5,994), li minnhom il-konvenuta ħallset elf lira (Lm1,000) mal-ftehim u l-bqija kellha titħallas hekk: elfejn lira (Lm2,000) mal-konsenja ta' l-apparat jew il-bidu tax-xogħol ta' tqegħid, u l-aħħar elfejn disa' mija u erbgħa u disgħin lira (Lm2,994) meta jitlesta x-xogħol tat-tqegħid. Biex tiggarantixxi dawn iż-żewġ ħlasijiet il-konvenuta, fil-31 ta' Mejju 1994, l-għada li sar il-ftehim, aċċettat żewġ kambjalijiet: waħda għal elfejn lira (Lm2,000), li kienet tagħlaq fil-31 ta' Jannar 1995, u l-oħra għal elfejn disa' mija u erbgħa u disgħin lira (Lm2,994), li kienet tagħlaq fit-30 ta' Marzu 1995.
Billi iżda sat-8 ta' Frar 1995 ix-xogħol kien għadu ma tlestiex, il-partijiet b'kitba li saret dakinhar bidlu l-ftehim dwar kif u meta kellu jsir il-ħlas. Il-patt relevanti jgħid hekk:
4. The balance of the price due of four thousand nine hundred and ninety four maltese liri (Lm4,994) shall be paid as to Lm1,000 within fifteen days from delivery of all equipment on site and provided installation works are then in progress and the remaining Lm3994 shall be paid on completion of lift installation as per article one above. On payment of the said Lm1,000 a bill of exchange for the remaining Lm3,994 shall be issued.
Is-soċjetà attriċi tgħid illi d-dewmien fix-xogħlijiet kien bi ħtija tal-konvenuta, għax din ma ħaditx ħsieb illi jkun hemm provvista ta' enerġija elettrika meħtieġa għat-tħaddim tal-*lift*. Il-konvenuta, min-naħa l-oħra, tgħid illi l-ħtija kienet ta' l-attriċi, li ma ikkonsenjatx il-komponenti tal-*lift* fiż-żmien miftiehem.
Il-provi fl-atti jagħtu raġun lill-konvenuta, mhux lis-soċjetà attriċi.
Fil-fatt, meta l-avukat tal-konvenuta, f'isimha, kiteb lis-soċjetà attriċi b'ittra tat-30 ta' Novembru 1994 biex din tfittex tqiegħed il-*lift*, l-attriċi wieġbet b'ittra ta' l-14 ta' Diċembru 1994 u ma qalet xejn dwar nuqqas ta' provvista ta' l-enerġija elettrika; anzi, fl-ittra tagħha l-attriċi tgħid illi

d-dewmien kien minħabba nuqqas tas-*supplier* tagħha barra minn Malta li jibgħatilha l-komponenti tal-*lift*.

Barra minn hekk, tant l-attriċi aċċettat illi n-nuqqas kien min-naħa tagħha illi, fil-ftehim tat-8 ta' Frar 1995, billi sa dak iż-żmien kien iddaħħal is-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud, intrabtet illi kull żjieda fil-prezz minħabba dik it-taxxa kienet tħallasha hi.

Dan juri illi l-bdil fil-ftehim dwar kif u meta kellu jsir il-ħlas sar fl-interess tal-konvenuta, biex ipatti għan-nuqqas tas-soċjetà attriċi li toqgħod għall-ewwel ftehim. Ladarba sar dan il-bdil fil-ftehim, l-attriċi ma tistax issa titlob il-ħlas tal-kambjalijiet li nħarġu bis-saħħa ta' l-ewwel ftehim għax, kif sewwa tgħid it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta, il-ftehim oriġinali, safejn huwa dwar il-modalità tal-ħlas, ma baqax jorbot. Tant il-ħsieb tal-partijiet kien illi l-ewwel kambjalijiet ma jibqgħux jiswew illi, fis-silta tal-ftehim tat-8 ta' Frar 1995 miġjuba fuq, ftiehmu illi tinħareġ kambjala oħra għall-istess prezz li kellu jitħallas bil-kambjalijiet oriġinali.

Ladarba l-azzjoni tallum hija għall-ħlas ta' kambjalijiet, u dawk il-kambjalijiet, għar-raġunijiet miġjuba fuq, ma għadhomx jiswew, it-talba tas-soċjetà attriċi ma tistax tintlaqa'. Dan naturalment jolqot biss l-azzjoni fuq il-kambjalijiet u huwa bla ħsara għal kull jedd illi jista' jkollha l-attriċi li tfittex għall-ħlas bis-saħħa tal-ftehim.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------